MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 756/2004

**HSBC BANK MALTA plc (C.3177)**

**vs**

**Paul QUATTROMANI u martu Carmen Quattromani**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors;

Illi b'sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet premessi (Dok. A), il-Bank esponent ġie kanoniżżat kreditur tal-intimati fis-somma ta' tlett elef, tlett mija u wieħed u sebgħin liri maltin u għoxrin ċenteżmi (Lm3371.20c), bl-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mit-22 ta' Marzu 1998 kif ukoll l-ispejjeż tal-imsemmija kawża skond l-annessa taxxa (Dok. B);

Illi ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) il-Bank rikorrent kif hawn rappreżentat jikkonferma li għandu interess li jibqa’ jezegwixxi din is-sentenza stante li l-ammont kanonaniżżat għadu ma tħallasx kollu kif jirriżulta mill-fatturi annessi (Dokumenti C u D);

Għaldaqstant il-Bank esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbbli Qorti jogħġobha tawtorizzah sabeix ikompli jezegwixxi l-imsemmija sentenza preċitata sabiex jottjeni l-pagament lilu dovut u dan nonostante li għaddew aktar minn ħames snin mill-gurnata ta’ l-istess sentenza u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni għall-każ;

Rat li l-intimati notifikati ma ppreżentawx risposta u lanqas dehru għar-rikors meta ġie imsejjaħ;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta gustifikata u għalhekk tilqa’ t-talbiet tal-istess rikorrenti;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------